**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 271/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 15 ta' Novembru 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn XXXfl-14 ta' Settembru 2012 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal jirriforma l-istimi mahruga kontra taghha mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.06-30.04.07, 01.05.07-31.12.07 u 01.05.09-30.11.09 billi jiddikjara li hija ma ghandha taghti xejn lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti mill-istimi ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.06-30.04.07, 01.05.07-31.12.07 u 01.05.09-30.11.09 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra taghha, u minflok l-istess imsemmija stimi jigu ikkonfermati stante li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, fejn ir-Rikorrenti ma ikkooperatx mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-istimi saru bl-ahjar mod possibbli partikolarment fid-dawl tal-fatt li d-dritt ghall-Input Vat ma huwiex dritt awtomatiku izda huwa dritt irregolat bil-Ligi senjatament bil-provvedimenti ta' l-Ghaxar u t-Tnax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jikkontendi wkoll li llum it-titolu Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mijzud inbidel ghal Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) skond l-Att XXII ta' l-2011 u ghaldaqstant jitlob li ssir il-korrezzjoni opportuna;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "L1" a fol. 23 sa' 43 tal-process;

Sema' x-xhieda ta' Sandro Darmanin moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2013[1] u x-xhieda ta' Sergio Darmanin moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2014[2], sema' x-xhieda ta' Denise Said[3] u ta' Noel Borg[4], entrambe in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' April 2014 u ra d-dokumenti esebiti minn Denise Said markati Dok. "DS1" a fol. 60 sa' 62 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti pprezentata fid-19 ta' Mejju 2014 a fol. 68 u 69 tal-process u ra n-Nota Responiva tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ipprezentata fil-11 ta' Lulju 2014 a fol. 71 sa' 75 tal-process;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti tikkontesta stimi mahruga fil-konfront taghha mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.06-30.04.07, 01.05.07-31.12.07 u 01.05.09-30.11.09 in forza ta' liema, skontha, jesigi hlas tas-somma komplessiva ta' €3,571.27. Ir-Rikorrenti titlob li l-istimi in kwistjoni jigu riformati, fis-sens illi jigi dikjarat li hija ma ghandha taghti xejn lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), stante li huwa ma naqqas l-ebda spejjez li hija kienet ghamlet fin-negozju taghha. Hija tikkontendi li *dan m'huwiex realistiku u ovvjament 'l boghod mir-realtà. L-appellant tirreleva li t-tifel taghha Sandro Darmanin kien jiehu hsieb ix-xoghol amministrattiv tan-negozju, inkluz ir-returns tal-VAT. Sfortunatament meta biddel id-dar tieghu tilef il-files b'ircevuti tan-negozju. Minkejja dan l-appellanta kienet ghamlet ir-returns fil-hin u m'hemm l-ebda raguni ghaliex il-figuri ma ghandhomx jitwemmnu*[5].

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti mill-istimi mahruga minnu ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.06-30.04.07, 01.05.07-31.12.07 u 01.05.09-30.11.09 u jitlob li l-istess jigi michud filwaqt li l-istimi jigu kkonfermati stante li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, fejn ir-Rikorrenti ma kkoperatx mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-istimi saru bl-ahjar mod li setghu jsiru partikolarment fid-dawl tal-fatt li d-dritt ghall-Input Vat ma huwiex dritt awtomatiku izda huwa regolat bil-provvedimenti ta' l-Ghaxar u t-Tnax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Fol. 49 sa' 52 tal-process.
[2] Fol. 54 sa' 58 tal-process.
[3] Fol. 63 sa' 65 tal-process.
[4] Fol. 66 u 67 tal-process.
[5] Rikors promotur, fol. 1 tal-process.

Fir-Risposta tiegħu d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jirrileva ukoll li t-titolu ta' Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud inbidel għal Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) skond l-Att XXII ta' l-2011 u għaldaqstant jitlob li ssir il-korrezzjoni opportuna. Fil-fehma tat-Tribunal però din il-korrezzjoni ma hijiex meħtieġa u dana għas-segwenti raġunijiet: (i) fl-ewwel lok, għalkemm in forza ta' Ordni ta' Delega ta' Funzjonijiet relattiv għall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap.517 tal-Liġijiet ta' Malta, ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Lulju 2012, il-Kummissarju tat-Taxxi iddelega d-drittijiet taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), b'Ordni ta' Assunzjoni mill-Ġdid ta' Funzjonijiet ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Awwissu 2014, il-Kummissarju tat-Taxxi ħa lura d-drittijiet, dmirijiet, setgħat u funzjonijiet kollha li huma vestiti fl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, b'dana għalhekk li llum l-intimat fil-proċeduri odjerni proprjament huwa l-Kummissarju tat-Taxxi u mhux id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jew il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud; (ii) nonostante ciò ma hija meħtieġa l-ebda korrezzjoni fl-okkju tal-proċeduri għar-raġuni li ai termini tar-Regolamenti dwar l-Ekwivalenza ta' Ċerti Referenzi għall-Kariġi Fid-Dipartiment tat-Taxxa, Leġislazzjoni Sussidjarja 517.01, senjatament ai termini tar-Regolament 2 u l-Iskeda ta' l-imsemmija Regolamenti, il-kliem "Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" u "Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mijżud)" għandhom l-istess tifsira u effetti legali bħall-kliem "Kummissarju tat-Taxxi".

Trattata din il-kwistjoni t-Tribunal iqis li għandu jittratta, għad illi fil-qosor, kwistjoni dwar in-notifika ta' l-istimi lir-Rikorrenti u l-konsegwenti preżentata ta' l-appell odjern li għalkemm tissemma mill-partijiet ma ġietx minnhom ittrattata fid-dettal bil-konsegwenza li jista' jinħoloq dubju dwar il-validità ta' l-appell tar-Rikorrenti.

Fir-Rikors promotur ir-Rikorrenti tippremetti li *l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud permezz ta' ittra datata 24 ta' Ġunju 2012, izda irċevietha ferm wara*[6]*ddeċidiet t-taxxa dovut għax-xhur bejn l-1 ta' Ottubru 2006 u 30 ta' April 2007 huwa €1027.05, 1 ta' Mejju 2007 sa' 31 ta' Diċembru 2007 huwa €661.50 u 1 ta' Mejju 2009 u 30 ta' Novembru 2009 huwa €1882.72 ...* iżda fir-Risposta tiegħu id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jafferma li *l-appellant kienet innotifikata bl-istejjem fl-24 ta' Ġunju 2012*[7]*. Kopja ta' l-ittra u AR Card hawn annessi u mmarkati bħala Dok. L/L1*[8]. Din l-affermazzjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), għad illi mhux sostanzjata b'eċċezzjoni formali, tista' twassal biex wieħed jifhem li r-Rikors ipprezentat mir-Rikorrenti fl-14 ta' Settembru 2012, huwa tardiv in kwantu pprezentat oltre t-terminu ta' tletin ġurnata min-notifika ta' l-istimi prefiss fil-Liġi. Madanakollu però, minn eżami akkurat ta' l-AR Card relattiva

[6] Sottolinear tat-Tribunal.
[7] Sottolinear tat-Tribunal.
[8] Para. 11 tar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), fol. 21 tal-process.

ghan-notifika ta' l-istimi lir-Rikorrenti, esebita bhala Dok. "L1" a fol. 43 tal-process, ma jirrizultax meta r-Rikorrenti effettivament giet notifikata bl-imsemmija stimi u wisq inqas ma jirrizulta li l-istimi gew notifikati fl-24 ta' Gunju 2012 kif affermat mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud). Di fatti fuq l-istess AR Card ma tirrizulta l-ebda firma, wisq inqas il-firma tar-Rikorrenti, u data fejn hemm indikat *Signature of Addressee* u fin-nuqqas ta' tali firma u data d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) huwa totalment zbaljat meta jafferma li l-istimi in kwistjoni gew notifikati lir-Rikorrenti fl-24 ta' Gunju 2012 ossia fl-istess gurnata meta nbaghat l-avviz markat Dok. "L" a fol. 42 tal-process. Konsegwentement ghalhekk u kuntrarjament ghal dak li wiehed jista' jifhem in bazi ghall-precitata affermazzjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) dwar in-notifika ta' l-istimi lir-Rikorrenti, ma jistax jitqies li l-appell tar-Rikorrenti mill-istimi in kwistjoni huwa tardiv.

Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa jigi trattat l-appell tar-Rikorrenti fil-meritu.

Mill-provi prodotti jirrizulta li fil-25 ta' Settembru 2006 ir-Rikorrenti kienet irregistrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bhala sid uniku u gestur ta' health shop[9]. Fl-14 ta' Novembru 2009 ir-Rikorrenti applikat ghar-*Deregistration* b'effett mill-11 ta' Novembru 2009[10]. In segwitu ghad-*Deregistration* u senjatament fis-7 ta' Ottubru 2011, id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud beda ezercizzju ta' *credit control* fil-konfront tar-Rikorrenti ghall-verifika tal-kotba tax-xiri mill-1 ta' Ottubru 2006 sat-30 ta' April 2007, mill-1 ta' Mejju 2007 sal-31 ta' Dicembru 2007 u mill-1 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' Novembru 2009, tar-ricevuti u fatturi tax-xiri ghall-istess perijodi u rendikont ta' dhul u hrug ghas-sena 2009[11].

Minkejja diversi interpellazzjonijiet biex tipprovdi d-dokumentazzjoni kollha minnha mitluba[12], ir-Rikorrenti ma pprovdietx id-Dipartiment bil-*credit notes* ghall-*closing stock* skontha ritornat lis-suppliers taghha kif temmet il-gestjoni tan-negozju **u** bil-fatturi relattivi ghal *capital goods and services and overheads*. In vista ta' dan in-nuqqas l-Ispetturi tad-Dipartiment Denise Said u Ramon Francalanza fost affarijiet ohra ikkonkludew illi *Closing Stock – Mr. Darmanin stated that all closing stock was returned to suppliers however he failed to produce any credit notes. In these circumstances VAT is to be refunded on closing stock at cost price as follows: <u>01/05/2009-30/11/2009</u> Box 18 €383.78 Box 23 €69.08. Purchases Analysis … No invoices were produced for capital goods and services and overheads. Capital goods consisted of the purchase of display counter, shelving and lighting. All this equipment was left on the premises which were leased during period of*

9 Dok. "A" a fol. 23 tal-process.
10 Dok. "B" a fol. 24 tal-process.
11 Dok. "C" a fol. 25 tal-process.
12 Dok. "D" u Dok. "E" a fol. 29 u 30 tal-process.

*operation. Mr. Darmanin stated that invoices for capital goods and overheads were disposed of and thus could not be produced. In these circumstances all input VAT claimed on capital goods and services and overheads should be deducted in line with Item 2 Part 2(a)(i) and (c) of the Tenth Schedule of the VAT Act.* Konsegwentement l-imsemmija Spetturi tad-Dipartiment irrakomandaw il-hrug ta' stimi provvizorji ghall-valur ta' €2,739.60[13]. Meta r-Rikorrenti rceviet l-istimi provvizorji hija talbet *review* ta' l-istess izda r-Review Officer Noel Borg, fir-rapport tieghu osserva u ikkonkluda li *the Department wrote two letters dated 9th April 2012 and 20th June 2012 requesting further proof to sustain their request for review. Tax payer failed to contact the review officer and also failed to produce concrete documentation. In light of the above it is being recommended that the provisional assessments be confirmed on the basis that tax payer failed to proof contrary*[14]. In segwitu ghar-rapport tar-Review Officer inhargu l-istimi fil-konfront tar-Rikorrenti ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.06-30.04.07, 01.05.07-31.12.07, minn liema stimi qed isir l-appell odjern.

Mill-provi prodotti mir-Rikorrenti u mis-sottomissjonijiet minnha avvanzati jirrizulta bl-iktar mod car li l-kwistjoni centrali f'dawn il-proceduri hija l-Input Vat relattiva ghall-*capital goods and services and overheads* minnha mitluba fil-perijodi ta' taxxa in kwistjoni izda li ma gietx accettata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u konsegwentement qed jesigi hlas ta' l-istess minghandha. Tul is-smigh ta' dawn il-proceduri ir-Rikorrenti baqghet ma pprezentat l-ebda fatturi in sostenn ta' l-Input Vat minnha mitluba tul il-perijodi ta' taxxa in kwistjoni izda ciò nonostante tikkontendi li t-talba taghha ghall-Input Vat ma ghandhiex tigi michuda bil-konsegwenza li tigi obbligata thallas tali taxxa, ghaliex id-dokumentazzjoni in kwistjoni giet *misplaced* u b'konsegwenza ta' hekk intilfet.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet[15] taghha r-Rikorrenti tissottometti li *l-Artikolu 48(4) tal-Kap.406 tghid li persuna li tkun registrata ghal VAT ghandha l-obbligu li jzomm id-dokument ghal minimu ta' sitt snin. L-istess Artikolu 48 telenka liema dokumenti ghandha zzomm ghal dan perjodu. L-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud taghti poteri wiesghin lill-intimat sabiex taghmel spezzjoni fejn jidhrilha xieraq. Kif xehed Sergio Darmanin fit-13 ta' Frar 2014, qal li dawn id-dokumenti kienu intilfu meta kien qed igorr minn dar ghal iehor. Minhabba dan offra lill-intimat sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet ulterjuri li ghandu d-dritt u anki l-obbligu li jaghmel. Jekk l-intimat uza l-poteri tieghu moghti mill-ligi kien jsib fuq il-post l-hwejjeg kapitali li r-rikorrenti kienet iddikjarat li ghamlet. Illi fil-Kap.406 m'hemm l-ebda disposizzjoni fil-ligi li tghid x'jigri jekk dawn id-dokumenti jkunu mitlufa u b'hekk jkun sehh "a fortuitous event". Bhala konsegwenza dan it-Tribunal huwa mitlub sabiex jezamina l-artikoli generali tal-Kodici Civili,*

[13] Dok. "F" a fol. 31 sa' 33 tal-process.
[14] Dok. "J" a fol. 40 tal-process.
[15] Fol. 68 u 69 tal-process.

*precizament Artikolu 1134 fejn tghid: "The debtor shall not be liable for damages if he was prevented from giving or doing the thing he undertook to give or to do, or if he did the thing he was forbidden to do, in consequence of an irresistible force or a fortuitous event". B'hekk ir-rikorrenti ma tista' tinzamm responsabbli jekk gara xi haga li ma kellhiex kontroll fuqu. F'dan il-kas it-tifel taghha jitlef id-dokumenti li hi kienet zammet. Ir-rikorrenti kienet ipprovat li d-dokumenti bix-xhieda ta' Sergio Darmanin stess bil-gurament, liema xhieda ma kienetx giet kontradetta. B'hekk ir-rikorrenti ma tistax tkun misjuba responsabbli ghal dan il-fatt u ssofri l-hlas ta' taxxa zejda flimkien ma' penali w imghaxijiet.*

Fir-rigward ta' tali sottomissjoni ssir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kawza Nru. 149** pronuncjata fil-5 ta' April 2006[16]. F' dan il-kaz it-*taxpayer* kien iggustifika n-nuqqas ta' produzzjoni ta' dokumenti in sostenn ta' l-Input Vat minnu mitluba bl-allegazzjoni li l-istess dokumenti kienu nsterqulu u l-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien laqa' tali gustifikazzjoni. Aggravat bid-decizjoni tal-Bord il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud appella minn dik id-decizjoni u l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet rigward l-aggravju tal-Kummissarju, id-decizjoni tal-Bord u l-allegazzjonijiet tat-taxpayer: *L-aggravju baziku tieghu* [tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud] *hu cirkoskritt ghas-sottomissjoni illi gjaladarba l-appellat ma kienx f' qaghda li jipprezenta l-fatturi ta' taxxa ghall-verifika ta' l-input tax, kif jippreciza l-Artikolu 5 (2) (a) ta' l-Avviz Legali 101 ta' l-1994, anke ghaliex dawn ikunu allegatament insterqulu, allura ghandu xorta wahda jippredomina l-principju "dura lex sed lex" u l-appellat ikollu jbati l-konsegwenzi. L-aggravju sollevat hu, fil-fehma tal-Qorti, ta' massima importanza in kwantu jaghti opportunità li jigi investigat il-kwezit li jinsorgi fejn taxpayer, ghal xi raguni, ma jkunx jista' jipproduci d-dokumenti provanti l-pretensjoni tieghu; f' dan il-kaz, il-kreditu mitlub ghall-input vat. Ma jista' qatt ikun disputat illi l-artikolu precitat ta' l-Avviz Legali, korrettement intiz, jirrikjedi, ad probationem il-produzzjoni tal-fatturi ta' taxxa, sakemm il-Kummissarju ma jigix sodisfatt xort' ohra bl-uzu ta' dik id-diskrezzjoni li l-istess artikolu tal-ligi jikkonsentilu. Maghdud dan, ma jidherx li hu, imbaghad, eskluz mill-Att XII ta' l-1994, jew mir-Regolamenti imnissla minnu, illi fejn il-kaz hekk jirrikjedi jsir rikors ghall-mezzi rikonoxxuti bhala probatorji mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; inter alia, il-mezz tat-testimonjali. Multo magis, imbaghad, meta l-ligi, wisq ragonevolment, timponi l-onus probandi fuq it-taxpayer. Dan premess, jibda biex jigi osservat illi essenzjalment l-aggravju dedott hu wiehed ta' kritika tal-gudizzju tal-Bord ta' l-Appelli ghal mod kif dan accetta id-dikjarazzjoni ta' l-appellat ghal konsiderazzjoni tat-talba tieghu ghall-input vat. Strettament, aggravju hekk konsegwit ma kien jimporta ebda*

[16] Decisions of the Court of Appeal, Volum 3 pg. 295.

*punt ta' ligi hlief forsi ghall-applikazzjoni tar-Regolament suddett. Regolament dan li l-Kummissarju appellant jinterpretah fir-rigorozità kollu tieghu. Naturalment din il-Qorti hi sensibbli ghall-preokkupazzjoni tal-Kummissarju, hekk bazata fuq l-esperjenza tieghu, fejn dan jirrileva illi jkun ferm perikoluz illi hu jippermetti jew jaccetta illi jakkorda input vat fuq il-mera dikjarazzjoni tat-taxpayer fl-assenza tal-produzzjoni tat-tax invoices. Dan forsi mhux daqstant mill-punto di vista ta' xi konsegwenzi legali fil-konfront tieghu kif isostni l-appellant daqskemm mill-interess tal-komunità in generali u ta' l-erarju in partikulari li, ceteris paribus, ghandu jipprevali fuq dak tal-privat. Logikament, filwaqt li din il-Qorti trid thares ukoll dan l-interess tal-kollettività, hi msejha biex tindaga, jekk fil-fattispeci tal-kaz singolari, il-Bord adottax il-parametru ta' dik il-prudenza biex sew japprezza l-effikacja perswasiva tal-prova jew tad-dikjarazzjoni offerta lilu mill-appellat. Jihder li hu principju pacifiku illi meta jezistu cirkostanzi specjali li jistghu jispjegaw il-ghaliex ma tistax issir il-prova solita, il-gudikant jista' jippermetti prova ohra li tissodisfah. Ara Kollez. Vol. XXIX P I p 944. Din il-Qorti ma tarax ghaliex dan il-principju m' ghandux japplika wkoll f' materja fiskali, attiz, s' intendi, li dik il-prova l-ohra tkun specifikament u sostanzjalment dedotta b' effikacja probatorja shiha u konkludenti, u mhux dezunta per impliciter minn semplici allegazzjoni generika. Kif inhu maghruf, huwa ammess fid-duttrina legali u l-gurisprudenza l-possibilità ta' prova testimonjali f' kaz ta' ghibien jew telf ta' dokumenti jew, kif inhu dan il-kaz, id-dokument ikun allegatament misruq. L-ezemplari mil-kazistika huma bosta, specjalment in materja tal-prova tal-hlas fejn ir-ricevuta ma tkunx disponsibbli jew trovabbli. Ara Kollez. Vol. XXXV P III p 604. Kif jirrizulta mil-Minuta tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2005 quddiem il-Bord ir-rapprezentant legali ta' l-appellat iddikjara li dan kien gie misruq mill-karozza tieghu u kien nsterqu l-invoices. Is-serq hu konsiderat bhala kaz fortuwitu (Kollez. Vol. XXXII P I p 532) u, gjaladarba il-Kummissarju ghandu favur tieghu l-ammissjoni li l-appellant ma kellux f' idejh il-fatturi ta' taxxa ghax gie misruq, kien jinkombi lill-appellat il-prova li is-serq sar u li dan kien ghalih mhux biss imprevidibbli imma anke inevitabbli. Ara Kollez. Vol. XXXI P III p 168. Jitnissel minn dan illi min jinvoka l-kaz fortuwitu, apparti l-prova specifika ta' l-event tas-serq, hu mghobbi minn impenn probatorju doppju, jigifieri:- (i) dak relattiv ghall-ezistenza u kontenut tad-dokument li gie derubat lilu; (ii) dik ta' l-assenza ta' kolpa da parti tieghu. F' dan hi kompriza il-prova tal-kustodja diligenti tal-bonus paterfamilias prevveduta mill-Artikolu 1032, Kodici Civili. Dan fis-sens illi fl-ghemil tieghu huwa ma naqasx li juza l-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Vide Kollez. Vol. XLI P II p 998. Fi ftit kliem, biex titqies sufficcjenti, il-kondotta, in rapport ghac-cirkustanzi, trid tidher li hi immuni minn imprudenza u negligenza. Jidher li l-Bord ma sab ebda raguni biex jirritjeni bhala inveritiera d-dikjarazzjoni tas-serq. Di regola, biex tali apprezzament gudizzjali ma jkunx suggett ghac-censura minn Qorti ta' revizjoni jrid jirrizulta li hu sorrett minn motivazzjoni adegwata u kongruwa. Din il-Qorti tistqarr li ssibha ferm difficli biex taccetta b' leggerezza u fil-ghama dikjarazzjoni bhal dik meta l-materja, kif*

*illustrata bil-precitati sentenzi, kienet tirrikjedi indagini aktar approfondita u konkreta, u, fuq kollox, is-sostenn ta' provi impenjattivi, serji u perswazivi, li f' dan il-kaz huma mankanti. Dan anke tenut qies tal-principju in materja fiskali ta' certa interpretazzjoni restrittiva u ta' dak l-interess superjuri tal-kollettivita li hadd ma ghandu xi brevett specjali li jevita li jrodd dak li hu dovut lill-fisco in forza ta' allegazzjoni, tkun xi tkun, u mhux adegwatament rafforzata.*

Ghalkemm il-kaz jew ahjar l-allegazzjoni centrali in bazi ghal liema gie gustifikat in-nuqqas ta' produzzjoni ta' dokumentazzjoni in sostenn ta' l-Input Vat mitluba, formanti l-mertu ta' dawk il-proceduri ma hijiex identika ghall-allegazzjoni centrali ghan-nuqqas ta' dokumentazzjoni f'dawn il-proceduri, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-sitwazzjonijiet huma simili bizzejjed biex il-principji enuncjati mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-imsemmija sentenza jsibu applikazzjoni fil-kaz in ezami wkoll.

L-unici xhieda prodotti mir-Rikorrenti in sostenn ta' l-appell taghha mill-istimi in kwistjoni huma wliedha Sandro Darmanin, li skont ir-Rikorrenti kien johdilha hsieb il-lat amminsitrattiv tan-negozju u li sfortunatament meta biddel id-dar kien tilef id-dokumentazzjoni kollha relattiva ghall-Input Vat reklamata minnha, u Sergio Darmanin, li tramite l-Audit Firm tieghu kien jiehu hsieb il-mili tad-denunzji tat-taxxa tar-Rikorrenti. Fir-rigward tad-dokumentazzjoni in sostenn ta' l-Input Vat mitluba ghall-*capital goods and services and overheads* fil-perijodi ta' taxxa in kwistjoni xehdu kif gej:

Sandro Darmanin, li, jigi ribadit, skond ir-Rikorrenti kien tilef id-dokumentazzjoni meta biddel id-dar, xehed illi *dak iz-zmien* (ossia fiz-zmien meta d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talab ghad-dokumentazzjoni biex isir l-ezercizzju ta' *credit control*) *kien hemm missieri qieghed l-isptar u kien qieghed gravi, il-hanut ilhaqna nehhejnieh jigifieri wisq probabbli li l-karti ommi hallietom warajha u l-karti as such ma instabux.* Mistoqsi jekk ippruvax igib din id-dokumentazzjoni mill-gdid minghand il-fornituri, Sandro Darmanin xehed illi *ippruvajna imma li kien gara kien li kien hemm wiehed li hadilna hsieb kollox imbaghad minn dakinhar inqalghet kwistjoni mieghu u bhal speci qisu gejna qed nitolbu pjacir u ma qdieniex.* In kontro-ezami mistoqsi mill-gdid dwar id-dokumentazzjoni relattiva ghall-*capital goods* Sandro Darmanin tenna li *l-ircevuti dahhalnihom, u kienet izzommhom ommi u ma nstabux, jigifieri wisq probabbli li meta ghalqet il-hwienet hallejnihom go fihom*[17].

Sergio Darmanin invece xehed illi *l-klijent kien talab deregistration fit-2009. U xi tlett snin wara kien ircieva karta biex jipprovdi id-dokumenti lid-Dipartiment tal-VAT. Meta gie bil-karta ghidtlu gib id-dokumenti qalli boqq, qalli tlett snin wara speci I misplaced them, kien gar mid-dar jew whatever.*

---

[17] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2013, fol. 49 sa' 52 tal-process.

*... Beda jghidli I misplaced them jew tilifhom. Meta tkellimt ma' l-Inspectors tal-Vat, ghidtilhom x'inhi r-raguni illi tlett snin wara dan ma zammhomx, wara li gie accepted deregistration u tlett snin wara talbuh id-dokumenti. Li stajna ingibu kienu tas-suppliers ghax dawn b'telefonata s-suppliers tista' iggibhom imma imbaghad ghandek Maltacom dak iz-zmien, ironmongeries, refurbishment items, dawn ma intix ser tiftakar sitt snin ilu, erba' snin ilu, minn ghand min xtrajt u ha tmur tghidlu isma tini ir-receipt li kont gejt nixtri hames snin ilu, impossibbli. Ipprovdejnihom ir-receipts kollha tal-products ghax dak kellhom. ... U s-sales u tal-purchases iva ghax kellu zewg suppliers u dawk just ghidnilu isma idhol fll-account taghna u pprintjalna l-invoices kollha u tajnihomlhom kollox just printed out dak il-hin. ... Imbaghad talbuna fuq l-expenses ir-receipts ma setghax jipprovdihom ghax kien ghadda z-zmien u m'hijiex xi haga. Apparti minn hekk l-inspector stess kien hemm various occasions illi dawn marru jaghmlu inspections gol-hwienet stess. Illi indunaw li kien hemm xkaffef, li kien hemm telephone. U huma ma accettawx dawk l-expenditure, telephone calls.* In kontro-ezami mistqosi dwar jekk ir-Rikorrenti, jew ahjar binha li kien jiehu hsieb il-lat amministrattiv tan-negozju, ippruvax igib id-dokumentazzjoni minghand is-suppliers, Sergio Darmanin xehed illi *il-klijent sa' fejn naf jien, prova imma boqq, kien hemm per ezempju capital expenditure minnhom ghalaq, li ghamillu r-refurbishment ta' l-aluminium u affarijiet hekk. Jigifieri hu prova jgib xi karti. Infatti tas-suppliers li huma l-aktar hafa speci li kien hemm prominenti, gabhom. Qieghed tifhem. ...*[18]

Huwa evidenti li z-zewg xhieda prodotti mir-Rikorrenti jaghtu versjonijiet kompletament differenti dwar x'gara mid-dokumentazzjoni relattiva ghall-Input Vat mitluba mill-istess Rikorrenti fil-perijodi ta' taxxa in kwistjoni. Filwaqt li Sandro Darmanin jghid li r-Rikorrenti x'aktar halliet id-dokumentazzjoni fil-hanut meta ghaddietu lil haddiehor bil-konsegwenza li meta dawn gew mitluba mid-Dipartiment ma nstabux, Sergio Darmanin jghid li meta Sandro Darmanin biddel id-dar huwa tilef l-istess dokumenti. Fid-dawl ta' tali kontradizzjoni t-Tribunal certament ma jistax jaccetta li hemm gustifikazzjoni valida ghall-fatt li d-dokumentazzjoni in sostenn ta' l-Input Vat ma gietx prodotta meta mitluba mid-Dipartiment bil-konsegwenza li d-Dipartiment ghandu jigi kostrett jew ta' l-inqas dirett jaccetta l-Input Vat kif mitluba mir-Rikorrenti pratikament minghajr verifiki ulterjuri.

Fil-fehma tat-Tribunal, gara li gara minn dawn id-dokumenti, huwa evidenti li ir-Rikorrenti jew ta' l-inqas il-persuna minnha vdata bil-kustodja tad-dokumenti in kwistjoni, naqset mill-obbligu tal-kustodja diligenti tal-*bonus pater familias*, obbligu dan li jirrizulta mhux biss mill-Ligi generali (Artikolu 1032 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta) izda anke mill-Ligi specifika dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud senjatament fl-Artikolu 48(4) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement ghalhekk id-Direttur Generali (Taxxa fuq

[18] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2014, fol. 54 sa' 58 tal-process.

il-Valur Mizjud) kien gustifikat f'li jinsisti fuq l-applikazzjoni rigoruza ta' dak provdut fl-Artikolu 2 ta' l-Ghaxar Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk jesigi l-produzzjoni tad-dokumentazzjoni opportuna biex ikun jista' jaccetta l-Input Vat reklamata mir-Rikorrenti fil-perijodi ta' taxxa in kwistjoni.

L-argument tar-Rikorrenti u tax-xhieda minnha prodotti li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) messu spezzjona l-fond in kwistjoni biex jara b'ghajnejh il-miljoramenti li saru fih ma huwiex sostenbbli fid-dawl tal-fatt li fiz-zmien tal-verifika li kienet qed issir mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud il-fond ma kienx ghadu fil-pussess tar-Rikorrenti izda kien ghadda fil-pussess ta' terzi persuni. Di fatti huwa proprio l-fatt li r-Rikorrenti kienet se titlaq u bhala fatt telqghet il-pussess tal-hanut in kwistjoni li rrenda iktar impellenti l-obbligu li tikkustodixxi, ghaz-zmien statutorju prefiss fil-Ligi, id-dokumentazzjoni relattiva ghal dak in-negozju u ghall-infiq li hija ghamlet versu l-istess.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li l-appell tar-Rikorrenti mill-istimi mahruga kontra taghha mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.06-30.04.07, 01.05.07-31.12.07 u 01.05.09-30.11.09 ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrenti mill-istimi mahruga kontra taghha mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.06-30.04.07, 01.05.07-31.12.07 u 01.05.09-30.11.09 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija stimi.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrenti.

A tenur ta' l-Artikolu 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta t-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**